



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 8 ta' Mejju 2020
(OR. en)

7769/20

FIN 262

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lill-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Awstrija

ANNEX

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza
lill-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Awstrija**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba², u b'mod partikolari l-punt 11 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet ta' reġjuni milquta minn diżastri naturali.
- (2) Il-Fond ma għandux jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 500 000 000 (bil-prezzijiet tal-2011), kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013³.
- (3) Fit-8 ta' Novembru 2019, il-Portugall ressaq applikazzjoni biex jimmobilizza l-Fond, wara avvenimenti estremi tat-temp fl-Azores.

¹ ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3.

² ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

³ Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

- (4) Fit-28 ta' Novembru 2019, Spanja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara xita estrema li rriżultat f'għargħar fir-reġjuni ta' Valencia, Murcia, Castilla-La Mancha u Andalusia.
- (5) Fl-10 ta' Jannar 2020, l-Italja ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara avvenimenti ta' temp estrem fi 17-il reġjun fil-ħarifa tal-2019.
- (6) Fid-29 ta' Jannar 2020, l-Awstrija ressqet applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond, wara avvenimenti ta' temp estrem f'Novembru 2019.
- (7) L-applikazzjonijiet tal-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Awstrija jissodisfaw il-kundizzjonijiet sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.
- (8) Għaldaqstant, jenħtiegħ li l-Fond jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Portugall, Spanja, l-Italja u l-Awstrija.
- (9) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-ħin li jieħu biex jiġi mobilizzat il-Fond din id-Deċiżjoni jenħtiegħ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2020, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jkun mobilizzat kif ġej f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament:

- (a) l-ammont ta' EUR 8 212 697 għandu jiġi pprovdut lill-Portugall;
- (b) l-ammont ta' EUR 56 743 358 għandu jiġi pprovdut lil Spanja;
- (c) l-ammont ta' EUR 211 707 982 għandu jiġi pprovdut lill-Italja;
- (d) l-ammont ta' EUR 2 329 777 għandu jiġi pprovdut lill-Awstrija.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tapplika minn ... [*id-data tal-adozzjoni tagħha*]**.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

****** *Id-data trid tiddaħħal mill-Parlament qabel il-pubblikazzjoni fil-ĠU.*